DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-26 ta' Awwissu 2010

li tistabbilixxi mudell taċ-ċertifikati tas-saħħa għall-kummerċ fl-Unjoni tas-semen, l-ova u l-embrijuni ta' annimali tal-ispeċijiet ekwina, ovina u kaprina u tal-ova u l-embrijuni ta' annimali tal-ispeċi porċina

(notifikata bid-dokument numru C(2010) 5779)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2010/470/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE tat-13 ta' Lulju 1992 li tistabbilixxi li tistabbilixxi l-ħtiġijiet dwar is-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ ta', u l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali, semen, ova u embrijuni mhux suġġetti għal ħtiġijiet ta' saħħa tal-annimali meħtieġa f'regoli speċifiċi tal-Komunità li hemm referenza għalihom fl-Anness A(I) tad-Direttiva 90/425/KEE [1] u b'mod partikolari r-raba' inċiż tal-Artikolu 11(2) u t-tielet inċiż tal-Artikolu 11(3) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 92/65/KEE tistipula r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ fl-Unjoni ta' annimali, semen, ova u embrijuni mhux suġġetti għar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali stipulati f'atti speċifiċi tal-Unjoni. Din tinkludi rekwiżiti għall-kummerċ tas-semen, l-ova u l-embrijuni ta' annimali tal-ispeċijiet ekwina, ovina u kaprina u tal-ova u l-embrijuni ta' annimali tal-ispeċi porċina ("il-prodotti"). Barra minn hekk, tipprevedi ċertifikati tas-saħħa li għandhom jiġu stabbiliti għall-kummerċ tal-prodotti fl-Unjoni.

(2) L-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE, kif emendata bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 176/2010 [2], jistabbilixxi ċerti rekwiżiti ġodda għall-prodotti li se jibdew japplikaw mill-1 ta' Settembru 2010.

(3) L-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE, kif ġiet għaldaqstant emendata bir-Regolament (UE) Nru 176/2010, tintroduċi regoli li jikkonċernaw iċ-ċentri tal-ħażna tas-semen u l-kundizzjonijiet dettaljati għall-approvazzjoni u s-superviżjoni tagħhom. Tistabbilixxi wkoll kundizzjonijiet fiddettall għall-approvazzjoni u s-sorveljanza tat-timijiet ta' ġbir u produzzjoni tal-embrijuni, għall-ġbir u l-ipproċessar ta' embrijuni miksuba *in vivo*, il-produzzjoni u l-ipproċessar ta' embrijuni ffertilizzati *in vitro* u u ta' embrijuni mikromanipulati. L-Anness D, kif ġie għaldaqstant emendat, emenda wkoll il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu applikati fuq l-annimali donaturi tas-semen, l-ova u l-embrijuni ta' annimali tal-ispeċijiet ekwina, ovina u kaprina u l-ova u l-embrijuni tal-ispeċi porċina.

(4) Jeħtieġ li jiġi stabbilit ċertifikat mudell tas-saħħa ġdid għall-kummerċ fl-Unjoni tal-prodotti b'kunsiderazzjoni tar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimal kif stipulati fl-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE, kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 176/2010.

(5) Barra minn hekk, għandu jkun hemm provvediment għall-istokks attwali ta' prodotti fl-Unjoni li huma konformi mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 92/65/KEE stabbiliti qabel id-dħul fis-seħħ tal-emendi introdotti bir-Regolament (UE) Nru 176/2010. Skont dan, jeħtieġ li jiġu stipulati ċertifikati mudelli tas-saħħ għall-kummerċ fl-Unjoni tas-semen, l-ova u l-embrijuni tal-annimali tal-ispeċijiet ekwini, ovini u kaprini u l-kummerċ tal-ova u l-embrijuni tal-annimali tal-ispeċi porċina miġbura jew prodotti, proċessati jew maħżuna skont l-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE qabel l-1 ta' Settembru 2010.

(6) Il-kapaċitajiet ta' stokkjar fit-tul għal dawn il-prodotti jagħmluha impossibbli fil-preżent li tiġi ffissata data għall-eżawriment tal-istokks attwali. Għalhekk, mhux possibbli li tiġi ffissata data għal tmiem l-użu ta' dawn il-mudelli ta' ċertifikati ta' saħħa għall-istokks attwali.

[1] ĠU L 268, 14.9.1992, p. 54.
[2] ĠU L 52, 3.3.2010, p. 14.

(7) F'ġieħ il-konsistenza u s-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, iċ-ċertifikati mudell tas-saħħa għandhom jiġu stipulati b'deċiżjoni waħdanija u għandhom iqisu r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 599/2004 tat-30 ta' Marzu 2004 li jikkonċerna l-adozzjoni ta' mudell armonizzat ta' ċertifikat u rapport tal-ispezzjoni marbuta mal-kummerċ intra-Komunitarju fl-annimali u l-prodotti li joriġinaw mill-annimali [1].

(8) Biex tiġi żgurata t-traċċabbiltà tal-prodotti, f'din id-Deċiżjoni, għandhom jiġu stipulati ċertifikati mudelli tas-saħħa għall-kummerċ fl-Unjoni ta' semen tal-annimali tal-ispeċijiet ekwini, ovini u kaprini miġbura f'ċentri approvati tal-ġbir tas-semen u mibgħuta minn ċentru approvat tal-ħażna tas-semen, kemm jekk dan tal-aħħar ikun jikkostitwixxi parti minn ċentru tal-ġbir tas-semen approvat skont numru tal-approvazzjoni differenti kif ukoll jekk le.

(9) F'ġieħ iċ-ċarezza tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, l-atti tal-Unjoni li jistipulaw iċ-ċertifikati mudell tas-saħħa għall-kummerċ fl-Unjoni fil-prodotti kkonċernati għandhom jitneħħew b'mod espressiv. Skont dan, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/294/KE tal-24 ta' Lulju 1995 li tiddetermina l-kampjun taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-kummerċ f'bajd u embrijuni tal-ispeċi ekwina [2], id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/307/KE tal-24 ta' Lulju 1995 li tistabbilixxi kampjun taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-kummerċ ta' semen tal-ispeċi ekwina [3], id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/388/KE tad-19 ta' Settembru 1995 li tistabbilixxi l-kampjun taċ-certifikat għall-kummerċ intra-Komunitarju fis-semen, fl-ova l-embrijuni tal-ispeċijiet ovini u kaprini [4] u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/483/KE tad-9 ta' Novembru 1995 li tistabbilixxi l-kampjun taċ-ċertifikat għall-kummerċ intra-Komunitarju fl-ova u l-embrijuni tal-majjali [5] għandhom jiġu mneħħija.

(10) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Suġġett

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi ċertifikati mudelli tas-saħħa għall-kummerċ fl-Unjoni f'dawn il-prodotti li ġejjin:

(a) semen ta' annimali mill-ispeċi tal-ekwini;

(b) ova u embrijuni ta' annimali mill-ispeċi tal-ekwini;

(c) semen ta' annimali mill-ispeċijiet tal-ovini u l-kaprini;

(d) ova u embrijuni ta' annimali mill-ispeċijiet tal-ovini u l-kaprini;

(e) ova u embrijuni ta' annimali mill-ispeċi tal-porċini.

Artikolu 2

Kummerċ fis-semen ta' annimali mill-ispeċi tal-ekwini

Ċertifikat tas-saħħa skont wieħed mill-mudelli li ġejjin stipulati fl-Anness I għandu jakkumpanja kunsinji tas-semen tal-annimali tal-ispeċijiet ekwini matul it-trasport min Stat Membru għal ieħor:

(a) ċertifikat mudell tas-saħħa IA kif stipulat fil-Parti A, għall-kunsinji tas-semen miġbura wara l-31 ta' Awwissu 2010 u mibgħuta minn ċentru ta' ġbir tas-semen approvat tal-oriġini tas-semen;

(b) ċertifikat mudell tas-saħħa IB kif stipulat fil-Parti B, għall-kunsinji ta' stokks tas-semen miġbura, proċessati u maħżuna wara l-1 ta' Settembru 2010 u mibgħuta wara l-31 ta' Awwissu 2010 minn ċentru ta' ġbir tas-semen approvat tal-oriġini tas-semen;

(c) ċertifkat mudell tas-saħħa IC kif stipulat fil-Parti C, għall-kunsinji tas-semen u stokks tas-semen msemmija f'(a) u (b) mibgħuta minn ċentru ta' ħażna tas-semen approvat.

Artikolu 3

Kummerċ fl-ova u l-embrijuni ta' annimali mill-ispeċi tal-ekwini

Ċertifikat tas-saħħa skont wieħed mill-mudelli li ġejjin stipulati fl-Anness II għandu jakkumpanja kunsinni ta' ova u embrijuni tal-annimali tal-ispeċijiet ekwini matul it-trasport min Stat Membru għal ieħor:

(a) Ċertifikat mudell tas-saħħa IIA kif stipulat fil-Parti A, għal kunsinji ta' ova u embrijuni miġbura jew prodotti wara l-31 ta' Awwissu 2010 u mibgħuta minn tim approvat tal-ġbir jew il-produzzjoni tal-embrijuni tal-oriġini tal-ova jew embrijuni;

(b) ċertifikat mudell tas-saħħa IIB kif stipulat fil-Parti B, għall-kunsinji ta' stokks ta' ova u embrijuni miġbura, proċessati u maħżuna wara l-1 ta' Settembru 2010 u mibgħuta wara l-31 ta' Awwissu 2010 minn ċentru ta' ġbir tal-embrijuni approvat tal-oriġini tal-ova jew embrijuni.

Artikolu 4

Kummerċ fis-semen ta' annimali mill-ispeċijiet tal-ovini u l-kaprini

Ċertifikat tas-saħħa skont wieħed mill-mudelli li ġejjin stipulati fl-Anness III għandu jakkumpanja kunsinni tas-semen tal-annimali tal-ispeċijiet ovini jew kaprini matul it-trasport min Stat Membru għal ieħor:

(a) ċertifikat mudell tas-saħħa IIIA kif stipulat fil-Parti A, għall-kunsinji tas-semen miġbura wara l-31 ta' Awwissu 2010 u mibgħuta minn ċentru ta' ġbir tas-semen approvat tal-oriġini tas-semen;

[1] ĠU L 94, 31.3.2004, p. 44.
[2] ĠU L 182, 2.8.1995, p. 27.
[3] ĠU L 185, 4.8.1995, p. 58.
[4] ĠU L 234, 3.10.1995, p. 30.
[5] ĠU L 275, 18.11.1995, p. 30.

(b) ċertifikat mudell tas-saħħa IIIB kif stipulat fil-Parti B, għall-kunsinji ta' stokks tas-semen miġbura, proċessati u maħżuna wara l-1 ta' Settembru 2010 u mibgħuta wara l-31 ta' Awwissu 2010 minn ċentru ta' ġbir tas-semen approvat tal-oriġini tas-semen;

(c) ċertifkat mudell tas-saħħa IIIC kif stipulat fil-Parti C, għall-kunsinji tas-semen u stokks tas-semen msemmija f'(a) u (b) mibgħuta minn ċentru ta' ħażna tas-semen approvat.

Artikolu 5

Kummerċ fl-ova u embrijuni ta' annimali mill-ispeċijiet tal-ovini u l-kaprini

Ċertifikat tas-saħħa skont wieħed mill-mudelli li ġejjin stipulati fl-Anness IV għandu jakkumpanja kunsinni ta' ova u embrijuni tal-annimali tal-ispeċijiet ovini u kaprini matul it-trasport min Stat Membru għal ieħor:

(a) Ċertifikat mudell tas-saħħa IVA kif stipulat fil-Parti A, għal kunsinji ta' ova u embrijuni miġbura jew prodotti wara l-31 ta' Awwissu 2010 u mibgħuta minn tim approvat tal-ġbir jew il-produzzjoni tal-embrijuni tal-oriġini tal-ova jew embrijuni;

(b) ċertifikat mudell tas-saħħa IVB kif stipulat fil-Parti B, għall-kunsinji ta' stokks ta' ova u embrijuni miġbura, proċessati u maħżuna wara l-1 ta' Settembru 2010 u mibgħuta wara l-31 ta' Awwissu 2010 minn ċentru ta' ġbir tal-embrijuni approvat tal-oriġini tal-ova jew embrijuni.

Artikolu 6

Kummerċ fl-ova u l-embrijoni tal-ispeċi porċina

Ċertifikat tas-saħħa skont wieħed mill-mudelli li ġejjin stipulati fl-Anness V għandu jakkumpanja kunsinni ta' ova u embrijuni tal-annimali tal-ispeċi porċina matul it-trasport min Stat Membru għal ieħor:

(a) ċertifikat mudell tas-saħħa VA kif stipulat fil-Parti A, għal kunsinji ta' ova u embrijuni miġbura jew prodotti wara l-31 ta' Awwissu 2010 u mibgħuta minn tim approvat tal-ġbir jew il-produzzjoni tal-embrijuni tal-oriġini tal-ova jew embrijuni;

(b) ċertifikat mudell tas-saħħa VB kif stipulat fil-Parti B, għall-kunsinji ta' stokks ta' ova u embrijuni miġbura, proċessati u maħżuna wara l-1 ta' Settembru 2010 u mibgħuta wara l-31 ta' Awwissu 2010 minn ċentru ta' ġbir tal-embrijuni approvat tal-oriġini tal-ova jew embrijuni.

Artikolu 7

Revoki

Id-Deċiżjonijiet 95/294/KE, 95/307/KE, *95/388/KE u* 95/483/KE huma rrevokati.

Artikolu 8

Applikabbiltà

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Settembru 2010.

Artikolu 9

Destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Awwissu 2010.

Għall-Kummissjoni
John DALLI
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

Mudell ta' ċertifikati tas-saħħa għall-kummerċ fl-Unjoni tal-kunsinji tas-semen tal-annimali tal-ispeċi ekwina

PARTI A

Iċ-ċertifikat mudell tas-saħħa IA għall-kummerċ fl-Unjoni tal-kunsinji tas-semen tal-annimali tal-ispeċi ekwina miġbura wara l-31 ta' Awwissu 2010 skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE mibgħuta minn ċentru approvat tal-ġbir tas-semen tal-oriġini tas-semen

L-UNJONI EWROPEA **Ċertifikat għall-kummerċ Intra Komunitarju**

Parti I: Dettalji tal-kunsinna ppreżentata

I.1. Kunsinjatur
Isem
Indirizz
Kodiċi Postali

I.2. Numru tar-referenza taċ-ċertifikat | I.2.a. Nru tar-referenza lokali

I.3. Awtorità ċentrali kompetenti

I.4. Awtorità lokali kompetenti

I.5. Destinatarju
Isem
Indirizz
Kodiċi Postali

I.6.

I.7.

I.8. Pajjiż ta' oriġini | Kodiċi ISO | I.9. Reġjun ta' oriġini | Kodiċi

I.10. Pajjiż ta' destinazzjoni | Kodiċi ISO | I.11. Regjun ta' destinazzjoni | Kodiċi

I.12. Pajjiż ta' origini
Ċentru tas-semen ☐
Isem | Numru ta' approvazzjoni
Indirizz
Kodiċi Postali

I.13. Post ta' destinazzjoni
Ċentru tas-semen ☐ Kumpanija ☐
Isem | Numru ta' approvazzjoni
Indirizz
Kodiċi Postali

I.14.

I.15.

I.16. Mezz ta' trasport
Ajruplan ☐ Vapur ☐ Vagun tal-ferrovija ☐
Vettura tat-triq ☐ Mezz ieħor ☐
Identifikazzjoni

I.17.

I.18. Deskrizzjoni tal-prodott

I.19. Kodiċi tal-prodott (Kodiċi HS)
05 11 99 85

I.20. Kwantità

I.21. Temperatura tal-prodotti
Ambjentali ☐ Imkessħa ☐ Iffriżati ☐

I.22. Numru ta' pakketti

I.23. Numru tas-Siġill/tal-Kontenitur

I.24. Tip ta' ippakkettar

I.25. Prodotti iċċertifikati għal:
Riproduzzjoni artifiċjali ☐

I.26. Transitu minn pajjiż terz ☐
Pajjiż Terz | Kodiċi ISO
Post tal-ħruġ | Kodiċi
Post tad-dħul | Nru BIP

I.27. Transitu minn Pajjiżi Membri ☐
Stat Membru | Kodiċi ISO
Stat Membru | Kodiċi ISO
Stat Membru | Kodiċi ISO

I.28. Esportazzjoni ☐
Pajjiż Terz | Kodiċi ISO
Post tal-ħruġ | Kodiċi

I.29.

I.30.

I.31. Identifikazzjoni tal-prodotti

Speċi (Isem xjentifiku)	Razza	L-identità tad-donatur	Data tal-ġbir	Numru tal-approvazzjoni taċ-ċentru	Kwantità

L-UNJONI EWROPEA **Semen ekwina – Parti A**

Parti II: Ċertifikazzjoni

II. Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Nru tar-referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Jiena, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan qed niċċertifika li:

II.1. Iċ-ċentru ta' ġbir tas-semen ([2]), li fih inġabret, ġiet ipproċessata u maħżuna għall-kummerċ is-semen deskritta hawn fuq, huwa approvat u ssorveljat mill-awtorità kompetenti skont il-Kapitolu I(I)(1) u l-Kapitolu I(II)(1) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE,

II.1.1. matul il-perjodu li jibda 30 jum qabel id-data tal-ewwel ġbir ta' semen deskritt hawn fuq sad-data li fiha s-semen friska jew imkessħa ntbagħtet jew sakemm skada l-perjodu ta' ħażna ta' 30 jum għas-semen iffriżata, iċ-ċentru ta' ġbir tas-semen:

II.1.1.1. kien jinsab fit-territorju jew fil-każ ta' reġjonalizazzjoni f'parti mit-territorju ([1]) ta' Stat Membru li ma kienx meqjus bħala infettat mill-marda Afrikana taż-żwiemel skont l-Artikolu 5(2)(a) u (b) tad-Direttiva 2009/156/KE ([3]);

II.1.1.2. issodisfa l-kundizzjonijiet għal azjenda stabbiliti fl-Artikolu 4(5) tad-Direttiva 2009/156/KE ([3]);

II.1.1.3. kien fih biss ekwidi li kienu ħielsa minn sinjali kliniċi tal-arterite virali ekwina u l-metrite ekwina li tittieħed;

II.2. L-ekwidi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 4 u 5 jew l-Artikoli 12 sa 16 tad-Direttiva 2009/156/KE ([3]) ġew ammessi fiċ-ċentru;

II.3. Is-semen deskritta hawn fuq inġabret minn żwiemel tar-razza donaturi, li:

II.3.1. ma wrew ebda sinjal ta' mard infettiv jew li jittieħed fil-ħin tad-dħul fiċ-ċentru u fil-jum li nġabret is-semen;

II.3.2. inżammu għal 30 jum qabel il-ġbir tas-semen f'azjendi fejn l-ebda ekwin ma wera xi sinjal kliniku ta' arterite virali ekwina jew mitrite ekwina li tittieħed matul dak il-perjodu;

II.3.3. ma ntużawx għat-tgħammir naturali matul tal-inqas 30 jum qabel id-data tal-ewwel ġbir ta' semen u mid-dati tal-ewwel kampjun imsemmi fil-paragrafi II.3.5.1., II.3.5.2. jew II.3.5.3. sa tmiem il-perjodu ta' ġbir;

II.3.4. għaddew mit-testijiet li ġejjin, li għal-linqas jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Kapitolu rilevanti tal-Manwal ta' Testijiet Dijanjostiċi u Vaċċini għall-Annimali Terrestri tal-OIE, imwettqa fuq kampjuni meħuda skont wieħed mill-programmi speċifikati fil-punt II.3.5. f'laboratorju magħruf mill-awtorità kompetenti:

([1]) jew [II.3.4.1. tal-immunodiffużjoni bil-ġel agar (it-test ta' Coggins) għall-anemija ekwina infettiva (AEI) b'riżultat negattiv;]

([1]) jew [II.3.4.1. ELISA għall-anemija ekwina infettiva (AIE) b'riżultat negattiv;]

kif ukoll *([1]) jew* [II.3.4.2. test ta' newtralizzazzjoni tas-serum għall-arterite virali ekwina (AVE) b'riżultat negattiv b'soluzzjoni ta' serum dilwita ta' wieħed f'erbgħa;]

([1]) jew [II.3.4.2. test ta' iżolament tal-virus għall-arterite virali ekwina (AVE) mwettaq b'riżultat negattiv fuq alikwota tas-semen kollha taż-żiemel tar-razza donatur;]

kif ukoll [II.3.4.3. test għal aġent ta' identifikazzjoni għall-metrite kontaġġjuża ekwina (MKE) mwettaq f'żewġ okkażjonijiet fuq kampjuni mittieħda b'intervall ta' sebat ijiem mill-iżolament tat-*Taylorella equigenitalis* wara kultivazzjoni ta' 7 sa 14-il jum mill-fluwidu qabel l-eġakulazzjoni jew kampjun tas-semen minn mesħiet meħuda mill-ġarretta tal-penis, l-uretra u l-fetħa tal-uretra b'riżultat negattiv f'kull każ;

II.3.5. ġew soġġetti għal tal-inqas wieħed mill-programmi ([4]) tat-test flimkien mar-riżultati speċifikati fil-paragrafu II.4.3 f'kull każ kif hemm fid-dettall fil-paragrafi II.3.5.1., II.3.5.2. u II.4.5.3. kif ġej:

II.3.5.1. L-istallun donatur kien residenti kontinwament fiċ-ċentru ta' ġbir tas-semen għal mill-inqas 30 jum qabel id-data tal-ewwel ġbir u matul il-perjodu ta' ġbir tas-semen kif deskritt hawn fuq u ebda ekwidi fiċ-ċentru ta' ġbir tas-semen ma ġie f'kuntatt dirett ma' ekwidi ta' stat ta' saħħa inferjuri minn dak tal-istallun donatur.

It-testijiet deskritti fil-punt II.3.4. twettqu fuq kampjuni mittieħda ([5]) qabel l-ewwel ġbir tas-semen u talanqas 14-il jum wara d-data tal-bidu tal-perjodu ta' residenza ta' talanqas 30 jum.

L-UNJONI EWROPEA **Semen ekwina – Parti A**

II. Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Nru tar-referenza taċ-ċertifikat	II.b.

II.3.5.2. L-istallun donatur kien residenti kontinwament fiċ-ċentru ta' ġbir tas-semen għal mill-inqas 30 jum qabel id-data tal-ewwel ġbir u matul il-perjodu ta' ġbir tas-semen kif deskritt hawn fuq, iżda ħareġ miċ-ċentru taħt ir-responsabbiltà tal-veterinarju taċ-ċentru għal perjodu bla qtugħ ta' inqas minn 14-il jum, u/jew ekwidi oħra fiċ-ċentru ta' ġbir ġew f'kuntatt dirett ma' ekwidi ta' stat ta' saħħa inferjuri.

It-testijiet deskritti fil-punt II.3.4. twettqu fuq kampjuni mittieħda (5) qabel l-ewwel ġbir tas-semen tal-istaġun tat-tgħamir jew il-perjodu tal-ġbir fis-sena li s-semen deskritta hawn fuq tkun inġabret fiha u talanqas 14-il jum wara d-data tal-bidu tal-perjodu ta' residenza ta' talanqas 30 jum,

kif ukoll it-test deskritt fil-paragrafu II.3.4.1. għall-anemija ekwina infettiva twettaq l-aħħar fuq kampjun tad-demm meħud (5) mhux aktar minn 90 jum qabel ma nġabret is-semen deskritta hawn fuq;

kif ukoll *(1) jew* wieħed mit-testijiet deskritti fil-punt II.3.4.2. għall-arterite ekwina virali twettaq l-aħħar fuq kampjun meħud (5) mhux aktar minn 30 jum qabel ma nġabret is-semen deskritta hawn fuq,]

(1) jew [test tal-iżolament virali għall-arterite virali ekwina twettaq b'riżultati negattivi fuq alikwota tas-semen kollha meħuda mill-istallun donatur (5) mhux aktar minn sitt xhur qabel ma s-semen deskritta hawn fuq inġabret u kampjun tad-demm mittieħed fl-istess data (5) rreaġixxa b'mod pożittiv f'test tan-newtralizzazzjoni tas-serum għall-arterite virali ekwina f'dilwazzjoni tas-serum ta' aktar minn wieħed f'erbgħa,]

kif ukoll it-test deskritt fil-paragrafu II.3.4.3. għall-metrite ekwina kontaġġjuża twettaq l-aħħar fuq kampjun meħud (5) mhux aktar minn 60 jum qabel ma nġabret is-semen deskritta hawn fuq.

II.3.5.3. It-testijiet deskritti fil-punt II.3.4. twettqu fuq kampjuni mittieħda (5) qabel l-ewwel ġbir tas-semen tal-istaġun tat-tgħamir jew il-perjodu tal-ġbir tas-semen fis-sena li fiha tkun inġabret is-semen imsemmija hawn fuq,

kif ukoll it-testijiet deskritti fil-punt II.3.4. twettqu l-aħħar fuq kampjuni mittieħda (5) mhux anqas minn 14-il jum u mhux aktar minn 90 jum wara l-ġbir tas-semen deskritt hawn fuq;

II.3.6. għaddew mill-ittestjar previst fil-punt II.3.5. fuq il-kampjuni mittieħda fid-dati li ġejjin:

Identifikazzjoni tas-semen	Programm tat-testijiet	Id-data tal-bidu (5)		Data tat-teħid ta' kampjuni għal testijiet tas-saħħa (5)				
		Residenza tad-donatur	Ġbir tas-semen	EIA II.3.4.1.	AVE II.3.4.2.		MKE II.4.4.3	
					Kampjun tad-demm	Kampjun tas-semen	1. kampjun	2. kampjun

(1) jew [II.4 Ma żdiedu l-ebda antibijotiċi mas-semen;]

(1) jew [II.4 L-antibijotiku li ġej jew taħlita ta' antibijotiċi ġew miżjuda biex jipproduċu konċentrazzjoni fis-semen dilwita finali ta' mhux anqas minn (6): .....

.....;]

II.5. Is-semen deskritta hawn fuq ġiet:

II.5.1. miġbura, ipproċessata, maħżuna u ttrasportata taħt kundizzjonijiet li jaqblu mal-ħtiġijiet tal-Kapitoli II(I)(1) and III(I) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE;

II.5.2. intbagħtet lejn il-post tat-tagħbija f'kontenitur issiġillat skont il-punt 1.4 tal-Kapitolu III(I) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE u bin-numru indikat fil-Kaxxa I.23.

L-UNJONI EWROPEA **Semen ekwina – Parti A**

II. Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Nru tar-referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Noti

Parti I:

Kaxxa I.12: il-post ta' oriġini għandu jikkorrispondi maċ-ċentru ta' ġbir tas-semen tal-oriġini tas-semen.

Kaxxa I.13: il-post tad-destinazzjoni għandu jikkorrespondi maċ-ċentru tal-ġbir jew il-ħażna tas-semen jew il-kumpanija tad-destinazzjoni tas-semen.

Kaxxa I.23: l-identifikazzjoni tal-kontenitur u n-numru tas-siġill għandhom jiġu indikati.

Kaxxa I.31: l-identità tad-donatur għandha tikkorrispondi għall-identifikazzjoni uffiċjali tal-annimal.

id-data tal-ġbir għandha tiġi indikata fil-format li ġej: jj/xx/ssss.

in-numru ta' approvazzjoni taċ-ċentru għandu jikkorrispondi man-numru ta' approvazzjoni taċ-ċentru tas-semen indikat fil-Kaxxa I.12 fejn inġabret is-semen.

Parti II:

Gwida biex timtela t-Tabella f'II.3.6:

Taqsiriet:

AIE-1	Ittestjar għall-Anemija infettiva ekwina (AIE) l-ewwel darba
AIE-2	Ittestjar għall-AIE t-tieni darba
AVE-B1	Ittestjar tal-ewwel darba għall-arterite virali ekwina (AVE)fuq il-kampjun tad-demm
AVE-B2	Ittestjar it-tieni darba għall-AVE fuq il-kampjun tad-demm
AVE-S1	Ittestjar tal-ewwel darba għall-AVE fuq il-kampjun tas-semen
AVE-S2	Ittestjar tat-tieni darba għall-AVE fuq il-kampjun tas-semen
MKE-11	Ittestjar tal-ewwel darba għall-metrite kuntaġġjuża ekwina (MKE) fuq l-ewwel kampjun
MKE-12	Ittestjar tal-ewwel darba għall-MKE fuq it-tieni kampjun meħud 7 ijiem wara l-MKE-11
MKE-21	Ittestjar tat-tieni darba għall-MKE fuq l-ewwel kampjun
MKE-22	Ittestjar tal-tieni darba għall-MKE fuq it-tieni kampjun meħud 7 ijiem wara l-MKE-21

Struzzjonijiet:

Għal kull identifikazzjoni ta' semen fil-kolonna A fl-eżempju ta' hawn taħt, il-programm tat-test (II.3.5.1., II.3.5.2. u/jew II.3.5.3.) irid jiġi deskritt fil-kolonna B u l-kolonni C u D iridu jimtlew bid-dati meħtieġa.

Id-dati li fihom ittieħdu l-kampjuni għall-ittestjar fil-laboratorju qabel l-ewwel ġbir tas-semen deskritt hawn fuq kif meħtieġ fi II.3.5.1., II.3.5.2. u II.3.5.3., jiddaħħlu fil-linja ta' fuq tal-kolonni 5 sa 9 tal-iskeda, u dan ifisser il-kaxxi mmarkati AIE-1, AVE-B1 jew AVE-S1 u MKE-11 u MKE-12 fl-eżempju ta' hawn taħt.

Id-dati li fihom ittieħdu l-kampjuni għall-ittestjar għal darb'oħra fil-laboratorju kif meħtieġ skont II.3.5.2. jew fi II.3.5.3. jiddaħħlu fil-linja ta' isfel tal-kolonni 5 sa 9 fl-iskeda, u dan ifisser il-kaxxi AIE-2, AVE-B2 jew AVE-S2 u MKE-21 u MKE-22 fl-eżempju ta' hawn taħt.

L-UNJONI EWROPEA **Semen ekwina – Parti A**

II. Informazzjoni dwar is-saħħa				II.a. Nru tar-referenza taċ-ċertifikat		II.b.	
Identifikazzjoni tas-semen	Programm tat-testijiet	Id-data tal-bidu ([5])		Data tat-teħid ta' kampjuni għal testijiet tas-saħħa ([5])			
		Residenza tad-donatur	Ġbir tas-semen	AIE II.3.4.1.	AVE II.3.4.2.		MKE II.3.4.3.	
					Kampjun tad-demm	Kampjun tas-semen	1. kampjun	2. kampjun
A	B	C	D	AIE-1	AVE-B1	AVE-S1	MKE-11	MKE-12
				AIE-2	AVE-B2	AVE-S2	MKE-21	MKE-22

([1]) Ħassar kif jixraq

([2]) Iċ-ċentri ta' ġbir tas-semen approvati biss elenkati skont l-Artikolu 11(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE fuq il-websajt tal-Kummissjoni: http://ec.europa.eu/food/animal/approved_establishments/establishments_vet_field_en.htm

([3]) ĠU L 192, 23.7.2010, p. 1.

([4]) Ingassa l-programm(i) li ma japplika(w)x għall-kunsinja

([5]) Niżżel id-data fit-tabella fil-punt II.3.6 (segwi l-Gwida fil-Parti II tan-Noti)

([6]) Niżżel l-ismijiet u l-konċentrazzjonijiet

Veterinarju uffiċjali (*)

Isem (b'ittri kbar): Kwalifiki u titolu:

Unità veterinarja lokali: Nru LVU:

Data: Firma:

Timbru:

(*) Il-kulur tal-bolla u tal-firma għandu jkun differenti minn dak tal-partikularitajiet l-oħra fiċ-ċertifikat

PARTI B

Iċ-ċertifikat mudell tas-saħħa IB għall-kummerċ fl-Unjoni tal-kunsinji ta' stokks tas-semen tal-annimali tal-ispeċi ekwina miġbura, ipproċessati u maħżuna qabel l-1 ta' Settembru 2010 skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE u mibgħuta wara l-31 ta' Awwissu 2010 minn ċentru approvat tal-ġbir tas-semen tal-oriġini tas-semen

L-UNJONI EWROPEA **Ċertifikat għall-kummerċ Intra Komunitarju**

Parti I: Dettalji tal-kunsinna ppreżentata

I.1. Kunsinjatur
Isem
Indirizz
Kodiċi Postali

I.2. Nru tar-referenza taċ-ċertifikat | I.2.a. Nru tar-referenza lokali

I.3. Awtorità ċentrali kompetenti

I.4. Awtorità lokali kompetenti

I.5. Destinatarju
Isem
Indirizz
Kodiċi Postali

I.6.

I.7.

I.8. Pajjiż ta' oriġini | Kodiċi ISO | I.9. Reġjun ta' oriġini | Kodiċi

I.10. Pajjiż ta' destinazzjoni | Kodiċi ISO | I.11. Regjun ta' destinazzjoni | Kodiċi

I.12. Pajjiż ta' origini
Ċentru tas-semen ☐
Isem | Numru ta' approvazzjoni
Indirizz
Kodiċi Postali

I.13. Post ta' destinazzjoni
Ċentru tas-semen ☐ Kumpanija ☐
Isem | Numru ta' approvazzjoni
Indirizz
Kodiċi Postali

I.14.

I.15.

I.16. Mezz ta' trasport
Ajruplan ☐ Vapur ☐ Vagun tal-ferrovija ☐
Vettura tat-triq ☐ Mezz ieħor ☐
Identifikazzjoni

I.17.

I.18. Deskrizzjoni tal-prodott

I.19. Kodiċi tal-prodott (Kodiċi HS)
05 11 99 85

I.20. Kwantità

I.21. Temperatura tal-prodotti
Ambjentali ☐ Imkessħa ☐ Iffriżati ☐

I.22. Numru ta' pakketti

I.23. Numru tas-Siġill/tal-Kontenitur

I.24. Tip ta' ippakkettar

I.25. Prodotti ċċertifikati:
Riproduzzjoni artifiċjali ☐

I.26. Transitu minn pajjiż terz ☐

Pajjiż Terz	Kodiċi ISO
Post tal-ħruġ	Kodiċi
Post tad-dħul	Nru BIP

I.27. Transitu minn Pajjiżi Membri ☐

Stat Membru	Kodiċi ISO
Stat Membru	Kodiċi ISO
Stat Membru	Kodiċi ISO

I.28. Esportazzjoni ☐

Pajjiż Terz	Kodiċi ISO
Post tal-ħruġ	Kodiċi

I.29.

I.30.

I.31. Identifikazzjoni tal-prodotti

Speċi (Isem xjentifiku)	Razza	L-identità tad-donatur	Data tal-ġbir	Numru tal-approvazzjoni taċ-ċentru	Kwantità

L-UNJONI EWROPEA **Semen ekwina – Parti B**

II. Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Nru tar-referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Parti II: Ċertifikazzjoni

Jiena, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan qed niċċertifika li:

II.1. Iċ-ċentru tal-ġbir tas-semen ([2]), li fih is-semen deskritt hawn fuq inġabar, ġie pproċessat u nħażen għall-kummerċ:

II.1.1. huwa approvat u superviżjonat mill-awtorità kompetenti skont il-kundizzjonijiet tal-Kapitolu I tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE,

II.1.2. jinsab fit-territorju jew fil-każ ta' reġjonalizzazzjoni f'parti mit-territorju ([1]) ta' Stat Membru li dakinhar li s-semen inġabret sad-data meta s-semen intbgħatet bħala semen friska/imkessħa ([1]) sjew sal-iskadenza tal-perjodu ta' 30 jum ta' ħażna obbligatorja għas-semen iffriżata ([1]) ma kienx meqjus li hu infettat mill-marda Afrikana taż-żwiemel, skont l-Artikolu 5(2)(a) u (b) tad-Direttiva 2009/156/KE ([3]);

II.1.3. tul il-perjodu li beda 30 jum qabel id-data tal-ġbir tas-semen sad-data meta s-semen intbgħatet bħala semen friska/imkessħa ([1]) jew sa ma skada l-perjodu ta' 30 jum ta' ħażna obbligatorja għas-semen iffriżita ([1]), issodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2009/156/KE;

II.1.4. matul il-perjodu li beda 30 jum qabel id-data tal-ġbir tas-semen sad-data meta s-emen intbgħatet bħala semen friska/imkessħa ([1]) jew sa ma skada l-perjodu ta' 30 jum ta' ħażna obbligatorja għas-semen iffriżata ([1]), kien fih biss ekwidi li kienu ħielsa minn kull sinjal kliniku tal-arterite virali ekwina u l-metrite kuntaġġjuża ekwina;

II.2. L-ekwidi kollha ġew ammessi fiċ-ċentru skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 4 u 5 tad-Direttiva 2009/156/KE ([3]);

II.3. Is-semen deskritta hawn fuq inġabret minn stalluni donaturi, li:

II.3.1. fil-jum meta nġabret is-semen, ma wrew l-ebda sinjali kliniċi ta' mard li jittieħed jew kuntaġġjuż,

II.3.2. talanqas tul 30 jum qabel il-ġbir tas-semen ma ntużawx biex jitgħammru,

II.3.3. matul l-aħħar 30 jum qabel il-ġbir tas-semen inżammu fi rziezet fejn l-ebda ekwin ma wera sinjali kliniċi ta' arterite virali ekwina,

II.3.4. matul l-aħħar 60 jum qabel il-ġbir tas-semen inżammu fi rziezet fejn l-ebda ekwin ma wera sinjali kliniċi ta' metrite kuntaġġjuża ekwina,

II.3.5. sa fejn naf jien u sa fejn stajt naċċerta ruħi, ma kinux f'kuntatt ma' ekwini oħra li kienu qed ibatu minn marda infettiva jew li tittieħed matul il-15-il jum minnufih qabel il-ġbir tas-semen,

II.3.6. sarulhom it-testijiet għal saħħet l-annimal li ġejjin f'laboratorju rikonoxxut mill-awtorità kompetenti skont programm ta' test kif speċifikat fil-punt II.3.7.

[II.3.6.1. test tal-immunodiffużjoni bil-ġell agar-gel (Coggins test) għall-anemija infettiva ekwina b'riżultat negattiv;]

kif ukoll (1) jew [II.3.6.2. test ta' newtralizzazzjoni tas-serum għall-arterite virali ekwina b'riżultat negattiv b'soluzzjoni ta' serum dilwita ta' wieħed f'erbgħa; u]

(1) jew [II.3.6.2. test ta' iżolament tal-virus għall-arterite virali ekwina mwettaq b'riżultat negattiv fuq alikwota tas-semen kollha tal-istallun donatur;]

kif ukoll II.3.6.3. ta' identifikazzjoni tal-aġent għall-metrite ekwina li tittieħed imwettaq darbtejn fuq kampjuni miġbura mill-istallun donatur b'intervall bejniethom ta' sebat ijiem bl-iżolament tat-*Taylorella equigenitalis* mill-fluwidu ta' qabel l-eġakulazzjoni jew minn kampjun tas-semen u minn kampjuni ta' materjal mill-ġenitali meħuda mill-inqas mill-għant tal-penis, mill-uretra u mill-ħofra tal-uretra b'riżultat negattiv f'kull każ.

II.3.7. ġew soġġetti għal wieħed mill-programmi ta' testijiet li ġejjin ([4]):

II.3.7.1. L-istallun donatur kien residenti kontinwament fiċ-ċentru ta' ġbir għal mill-inqas 30 jum qabel il-ġbir tas-semen, u matul il-perjodu ta' ġbir, u l-ebda ekwidu fiċ-ċentru ta' ġbir ma ġie f'kuntatt dirett matul dak iż-żmien ma' ekwidu ta' stat ta' saħħa inferjuri minn dak tal-istallun donaturi.

It-testijiet imfissra fil-punt II.3.6. twettqu fuq kampjuni li ttieħdu fi ..... ([5]) u f'każ ta' metrite kuntaġġjuża ekwina t-tieni kampjun ittieħed fi ..... ([5]), talanqas 14-il jum wara li beda l-perjodu ta' residenza msemmi aktar 'il fuq u talanqas fil-bidu tal-istaġun tat-tgħammir;

L-UNJONI EWROPEA **Semen ekwina – Parti B**

II. Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Nru tar-referenza taċ-ċertifikat	II.b.

II.3.7.2. L-istallun donatur ma kienx residenti kontinwament fiċ-ċentru ta' ġbir jew ekwidi oħra fiċ-ċentru ta' ġbir ġew f'kuntatt ma' ekwidi oħra ta' stat ta' saħħa inferjuri għal dak tal-istalluni donaturi.

It-testijiet imfissra fil-punt II.3.6. twettqu fuq kampjuni li ttieħdu fi ..... (5) u f'każ ta' metrite kuntaġġjuża ekwina t-tieni kampjun ittieħed fi ..... (5), fi ħdan il-perjodu ta' 14-il jum qabel l-ewwel ġbir tas-semen u talanqas fil-bidu tal-istaġun tat-tgħammir,

kif ukoll it-test deskritt fil-paragrafu II.3.6.1. għall-anemija infettiva ekwina twettaq l-aħħar fuq kampjun tad-demm meħud fi ..... (5), u dan mhux aktar minn 120 jum qabel ma nġabret is-semen deskritta hawn fuq;

kif ukoll *(1) jew* [wieħed mit-testijiet deskritti fil-paragrafu II.3.6.2. għall-arterite virali ekwina twettaq l-aħħar fuq kampjun meħud fi ..... (5), u dan mhux aktar minn 30 jum qabel ma nġabret is-semen deskritta hawn fuq,]

(1) jew [l-istat non-sheddar tal-istallun seropożittiv għall-arterite virali ekwina ġie kkonfermat minn test ta' iżolament tal-virus li twettaq fuq alikwota tas-semen kollha tal-istallun donatur miġbura fi ..... (5), mhux aktar minn sena qabel ma nġabret is-semen deskritta hawn fuq,]

II.3.7.1. It-testijiet imfissra fil-punt II.3.6. twettqu matul il-perjodu obbligatorju ta' 30 jum ta' ħażna tas-semen iffriżata u mhux inqas minn 14-il jum wara l-ġbir tas-semen fuq kampjuni meħuda fi ..... (5) u fil-każ ta' metrite kuntaġġjuża ekwina fuq it-tieni kampjun meħud fi ..... (5);

II.4. Is-semen deskritta hawn fuq ġiet miġbura, ipproċessata, maħżuna u ttrasportata taħt kundizzjonijiet li jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Kapitoli II u III tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE.

Noti

Parti I:

Kaxxa I.12: il-post ta' oriġini għandu jikkorrispondi maċ-ċentru ta' ġbir tas-semen tal-oriġini tas-semen.

Kaxxa I.13: Il-post tad-destinazzjoni għandu jikkorrespondi maċ-ċentru tal-ġbir jew il-ħażna tas-semen jew il-kumpanija tad-destinazzjoni tas-semen.

Kaxxa I.23: l-identifikazzjoni tal-kontenitur u n-numru tas-siġill għandhom jiġu indikati.

Kaxxa I.31: l-identità tad-donatur għandha tikkorrispondi mal-identifikazzjoni uffiċjali tal-annimal.

id-data tal-ġbir għandha tiġi indikata fil-format li ġej: jj/xx/ssss.

in-numru ta' approvazzjoni taċ-ċentru għandu jikkorrispondi man-numru ta' approvazzjoni taċ-ċentru tas-semen indikat fil-Kaxxa I.12 li fih inġabret is-semen.

Parti II:

(1) Ħassar kif jixraq

(2) Iċ-ċentri ta' ġbir tas-semen approvati biss elenkati skont l-Artikolu 11(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE fuq il-websajt tal-Kummissjoni: http://ec.europa.eu/food/animal/approved_establishments/establishments_vet_field_en.htm

(3) ĠU L 192, 23.7.2010, p. 1.

(4) Ingassa l-programm(i) li ma japplika(w)x għall-kunsinja

(5) Niżżel id-data

Veterinarju uffiċjali jew spettur uffiċjali (*)

Isem (b'ittri kbar): Kwalifiki u titolu:

Unità veterinarja lokali: Nru LVU:

Data: Firma:

Timbru:

(*) Il-kulur tat-timbru u l-firma jrid ikun differenti minn dak tad-dettalji l-oħra fuq iċ-ċertifikat.

PARTI C

Iċ-ċertifikat mudell tas-saħħa IC għall-kummerċ fl-Unjoni f'kunsinji ta' semen ta' annimali tal-ispeċi ekwina migbura, ipproċessati u maħżuna skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE wara l-31 ta' Awwissu 2010 u għal kunsinji ta' stokks tas-semen ta' annimali tal-ispeċi ekwina miġbura, ipproċessati u maħżuna qabel il-31 ta' Awwissu 2010 skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE u mibgħuta wara l-31 ta' Awwissu 2010 minn ċentru approvat tal-ħażna tas-semen

L-UNJONI EWROPEA **Ċertifikat għall-kummerċ Intra Komunitarju**

Parti I: Dettalji tal-kunsinna ppreżentata

I.1. Kunsinjatur
Isem
Indirizz
Kodiċi Postali

I.2. Nru tar-referenza taċ-ċertifikat | I.2.a. Nru tar-referenza lokali

I.3. Awtorità ċentrali kompetenti

I.4. Awtorità lokali kompetenti

I.5. Destinatarju
Isem
Indirizz
Kodiċi Postali

I.6. Numru/i ta' ċertifikati oriġinali relatati | Numru/I ta' dokumenti li jakkumpanjawhom

I.7.

I.8. Pajjiż ta' oriġini	Kodiċi ISO	I.9. Reġjun ta' oriġini	Kodiċi

I.10. Pajjiż ta' destinazzjoni	Kodiċi ISO	I.11. Regjun ta' destinazzjoni	Kodiċi

I.12. Pajjiż ta' origini
Ċentru tas-semen ☐
Isem | Numru ta' approvazzjoni
Indirizz
Kodiċi Postali

I.13. Post ta' destinazzjoni
Ċentru tas-semen ☐ Kumpanija ☐
Isem | Numru ta' approvazzjoni
Indirizz
Kodiċi Postali

I.14.

I.15.

I.16. Mezz ta' trasport
Ajruplan ☐ Vapur ☐ Vagun tal-ferrovija ☐
Vettura tat-triq ☐ Mezz ieħor ☐
Identifikazzjoni

I.17.

I.18. Deskrizzjoni tal-prodott

I.19. Kodiċi tal-prodott (Kodiċi HS)
05 11 99 85

I.20. Kwantità

I.21. Temperatura tal-prodotti
Ambjentali ☐ Imkessħa ☐ Iffriżati ☐

I.22. Numru ta' pakketti

I.23. Numru tas-Siġill/tal-Kontenitur

I.24. Tip ta' ippakkettar

I.25. Prodotti ċċertifikati:
Riproduzzjoni artifiċjali ☐

I.26. Transitu minn pajjiż terz ☐
Pajjiż Terz | Kodiċi ISO
Post tal-ħruġ | Kodiċi
Post tad-dħul | Nru BIP

I.27. Transitu minn Pajjiżi Membri ☐
Stat Membru | Kodiċi ISO
Stat Membru | Kodiċi ISO
Stat Membru | Kodiċi ISO

I.28. Esportazzjoni ☐
Pajjiż Terz | Kodiċi ISO
Post tal-ħruġ | Kodiċi

I.29.

I.30.

I.31. Identifikazzjoni tal-prodotti

Speċi (Isem xjentifiku)	Razza	L-identità tad-donatur	Data tal-ġbir	Numru tal-approvazzjoni taċ-ċentru	Kwantità

L-UNJONI EWROPEA **Semen ekwina – Parti C**

Parti II: Ċertifikazzjoni

II. Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Nru tar-referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Jien, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika, li s-semen deskritta hawn fuq:

(1) jew [II.1. inġabret, ġiet ipproċessata u nħażnet għal perjodu minimu ta' 30 jum immedjatament warra l-ġbir f'ċentru aġġrovat għall-ġbir tas-semen (2) li jinsab fl-Istat Membru tal-oriġini tas-semen u li jitħaddem u huwa ssorveljat skont il-Kapitolu I(I)(1) u l-Kapitolu I(II)(1) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE, u li minnu s-semen ġiet trasferita lejn iċ-ċentru tal-ħażna tas-semen imsemmi fil-Kaxxa I.12. li jinsab fl-istess Stat Membru tal-oriġini tas-semen taħt kundizzjonijiet ta' ċertifikazzjoni veterinarja u tas-saħħa tal-annimali li huma stretti talanqas daqs dawk previsti fi:

(1) jew [Il-Parti A tal-Anness I tad-Deċiżjoni 2010/470/UE;]

(1) jew [Il-Parti B tal-Anness I tad-Deċiżjoni 2010/470/UE;]

(1) jew [Id-Deċiżjoni 95/307/KE;]

(1) jew [II.1. inġabret, ġiet ipproċessata u maħżuna għal perjodu minimu ta' 30 jum minnufih wara l-ġbir f'ċentru ta' ġbir tas-semen approvat (2) li jinsab fl-Unjoni Ewropea u li huwa operat u ssorveljat skont il-Kapitolu I(I)(1) u l-Kapitolu I(II)(1) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE, u li ġiet trasferita lejn iċ-ċentru tal-ħażna tas-semen imsemmi fil-Kaxxa I.12. skont:

(1) jew [Il-Parti A tal-Anness I tad-Deċiżjoni 2010/470/UE;]

(1) jew [Il-Parti B tal-Anness I tad-Deċiżjoni 2010/470/UE;]

(1) jew [Il-Parti C tal-Anness I tad-Deċiżjoni 2010/470/UE;]

(1) jew [Id-Deċiżjoni 95/307/KE;]

(1) jew [II.1. inġabret, ġiet ipproċessata u maħżuna fiċ-ċentru approvat għall-ġbir tas-semen (2) li jinsab f'pajjiż terz jew parti(jiet) minnu elenkati fil-kolonni 2 u 4 tal-Anness I tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/211/KE li huwa operat u ssorveljat skont il-Kapitolu I(I)(1) u l-Kapitolu I(II)(1) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE, u kienet ġiet importata fl-Unjoni Ewropea skont il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2004/211/KE skont:

(1) jew [Il-Parti A tal-Anness I tad-Deċiżjoni 2010/471/UE;]

(1) jew [Il-Parti B tal-Anness I tad-Deċiżjoni 2010/471/UE;]

(1) jew [Il-Parti C tal-Anness I tad-Deċiżjoni 2010/471/UE;]

(1) jew [Id-Deċiżjoni 96/539/KE;]

II.2. inħażnet f'ċentru għall-ħażna tas-semen approvat (2) imsemmi fil-Kaxxa I.12., imħaddem u ssorveljat skont il-Kapitolu I(I)(2) u l-Kapitolu I(II)(2) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE;

II.3. intbagħtet lejn il-post tat-tagħbija f'kontenitur issiġillat skont il-punt 1.4. tal-Kapitolu III(I) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE u bin-numru indikat fil-Kaxxa I.23.

Noti

Parti I:

Kaxxa I.6: għandha tikkorrispondi man-numru tas-serje tad-dokument(i) uffiċjali individwali jew iċ-ċertifikat(i) tas-saħħa [jew INTRA jew CVED] li kien hemm mas-semen deskritta hawn fuq minn ċentru għall-kollezzjoni tas-semen approvat tal-oriġini tagħha, maċ-ċentru għall-kollezzjoni tas-semen deskritt hawn fuq. L-oriġinal(i) ta' da(w)k id-dokument(i) jew da(w)k iċ-ċertifikat(i) jew il-kopja/kopji ffirmata/ffirmati uffiċjalment tiegħu/tagħhom irid(u) jiġu mehmuża ma' dan iċ-ċertifikat.

Kaxxa I.12: il-post ta' oriġini għandu jikkorrispondi maċ-ċentru tal-ħażna tas-semen tal-ispedizzjoni tas-semen.

L-UNJONI EWROPEA **Semen ekwina – Parti C**

II. Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Nru tar-referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Kaxxa I.13: il-post tad-destinazzjoni għandu jikkorrespondi maċ-ċentru tal-ġbir jew il-ħażna tas-semen jew il-kumpanija tad-destinazzjoni tas-semen.

Kaxxa I.23: l-identifikazzjoni tal-kontenitur u n-numru tas-siġill għandhom jiġu indikati.

Kaxxa I.31: l-identità tad-donatur għandha tikkorrispondi mal-identifikazzjoni uffiċjali tal-annimal.

id-data tal-ġbir għandha tiġi indikata fil-format li ġej: jj/xx/ssss.

in-numru ta' approvazzjoni taċ-ċentru għandu jikkorrispondi man-numru ta' approvazzjoni taċ-ċentru ta' ġbir tas-semen tal-oriġini tas-semen.

Parti II:

([1]) Ħassar kif jixraq

([2]) Ċentri ta' ġbir jew il-ħażna tas-semen approvati biss u elenkati skont l-Artikolu 11(4) u l-Artikolu 17(3)(b) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE fuq il-websajts tal-Kummissjoni:

http://ec.europa.eu/food/animal/approved_establishments/establishments_vet_field_en.htm

http://ec.europa.eu/food/animal/semen_ova/equine/index_en.htm

Veterinarju uffiċjali jew spettur uffiċjali (*)

Isem (b'ittri kbar): Kwalifiki u titolu:

Unità veterinarja lokali: Nru LVU:

Data: Firma:

Timbru:

(*) Il-kulur tat-timbru u l-firma jrid ikun differenti minn dak tad-dettalji l-oħra fuq iċ-ċertifikat.

ANNESS II

Mudell ta' ċertifikat tas-saħħ għall-kummerċ fl-unjoni fil-kunsinji ta' ova u embrijuni ta' annimali tal-ispeċi ekwina

PARTI A

Iċ-ċertifikat mudell tas-saħħa IIA għall-kummerċ fl-Unjoni fil-kunsinji ta' ova u embrijuni ta' annimali tal-ispeċi ekwina miġbura jew prodotti skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE wara l-31 ta' Awwissu 2010 u mibgħuta minn tim approvat għall-ġbir jew il-produzzjoni tal-embrijuni tal-oriġini tal-ova jew l-embrijuni

L-UNJONI EWROPEA **Ċertifikat għall-kummerċ Intra Komunitarju**

Parti I: Dettalji tal-kunsinna ppreżentata

I.1. Kunsinjatur
Isem
Indirizz
Kodiċi Postali

I.2. Nru tar-referenza taċ-ċertifikat | I.2.a. Nru tar-referenza lokali

I.3. Awtorità ċentrali kompetenti

I.4. Awtorità lokali kompetenti

I.5. Destinatarju
Isem
Indirizz
Kodiċi Postali

I.6.

I.7.

I.8. Pajjiż ta' oriġini	Kodiċi ISO	I.9. Reġjun ta' oriġini	Kodiċi

I.10. Pajjiż ta' destinazzjoni	Kodiċi ISO	I.11. Regjun ta' destinazzjoni	Kodiċi

I.12. Pajjiż ta' origini
Tim tal-embrijuni ☐
Isem
Indirizz
Kodiċi Postali
Numru ta' approvazzjoni

I.13. Post ta' destinazzjoni
Kumpanija ☐ Tim tal-embrijuni ☐
Isem
Indirizz
Kodiċi Postali
Numru ta' approvazzjoni

I.14.

I.15.

I.16. Mezz ta' trasport
Ajruplan ☐ Vapur ☐ Vagun tal-ferrovija ☐
Vettura tat-triq ☐ Mezz ieħor ☐
Identifikazzjoni

I.17.

I.18. Deskrizzjoni tal-prodott

I.19. Kodiċi tal-prodott (Kodiċi HS)
05 11 99 85

I.20. Kwantità

I.21. Temperatura tal-prodotti
Ambjentali ☐ Imkessħa ☐ Iffriżati ☐

I.22. Numru ta' pakketti

I.23. Numru tas-Siġill/tal-Kontenitur

I.24. Tip ta' ippakkettar

I.25. Prodotti ċċertifikati:
Riproduzzjoni artifiċjali ☐

I.26. Tranżitu minn pajjiż terz ☐
Pajjiż Terz — Kodiċi ISO
Post tal-ħruġ — Kodiċi
Post tad-dħul — Nru BIP

I.27. Tranżitu minn Pajjiżi Membri ☐
Stat Membru — Kodiċi ISO
Stat Membru — Kodiċi ISO
Stat Membru — Kodiċi ISO

I.28. Esportazzjoni ☐
Pajjiż Terz — Kodiċi ISO
Post tal-ħruġ — Kodiċi

I.29.

I.30.

I.31. Identifikazzjoni tal-prodotti

Speċi (Isem xjentifiku)	Razza	Kategorija	L-identità tad-donatur	Data tal-ġbir	Numru ta' approvazzjoni tal-iskwadra	Kwantità

L-UNJONI EWROPEA **Ova u embrijuni ekwini – Parti A**

II. Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Nru tar-referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Parti II: Ċertifikazzjoni

Jiena, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan qed niċċertifika li:

(1) jew [II.1. l-embrijuni miksuba in vivo/l-ova miksuba in vivo (1) mfissra hawn fuq inġabru, ġew ipproċessati u maħżuna minn tim tal-ġbir tal-embrijuni (2) approvat u ssorveljat skont il-Kapitolu I(III)(1) jew l-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE;]

(1) jew [II.1. l-embrijuni miksuba in vitro/l-embrijuni mikromanipulati (1) mfissra hawn fuq ġew prodotti, ipproċessati u maħżuna minn tim tal-produzzjoni tal-embrijuni (2) approvat u ssorveljat skont il-Kapitolu I(III)(1) u (2) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE;]

(1) jew [II.2. l-embrijuni miksuba in vivo mfissra hawn fuq jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Kapitolu III(II)(1) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE;]

(1) jew [II.2. l-ova miksuba in vivo mfissra hawn fuq jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Kapitolu III(II)(2) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE;]

(1) jew [II.2. l-embrijuni miksuba in vitro mfissra hawn fuq jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Kapitolu III(II)(3) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE;]

(1) jew [II.2. l-embrijuni mikromanipulati mfissra hawn fuq jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Kapitolu III(II)(4) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE;]

II.3. l-ova jew l-embrijuni mfissra hawn fuq ġejjin minn debbiet donatriċi li:

II.3.1. ġejjin minn kumpaniji li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(5) tad-Direttiva 2009/156/KE (4) li ġew ammessi fihom biss l-ekwidi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 4 u 5 jew l-Artikoli 12 sa 16 tad-Direttiva 2009/156/KE;

II.3.2. jissodisfaw ir-rekwiżiti addizzjonali tal-Kapitolu IV(4) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE;

II.3.3. ma ntużawx għat-tgħammir naturali matul talanqas 30 jum qabel id-data ta' ġbir tal-ova jew l-embrijuni u bejn id-data tal-ewwel kampjun imsemmi fil-punti II.3.4. u II.3.5. u d-data ta' ġbir tal-ova u l-embrijuni;

II.3.4. ġew soġġetti b'riżultat negattiv għal test tal-immunodiffużjoni bl-agar ġel (It-test ta' Coggins) jew ELISA għall-anemija infettiva ekwina mwettqa fuq kampjuni tad-demm meħuda fi ..... (3), u dan matul l-aħħar 30 jum qabel id-data tal-ewwel ġbir ta' ova jew embrijuni u t-test sar l-aħħar fuq kampjun tad-demm meħud fi ..... (3); u dan mhux aktar tard minn 90 jum qabel ma nġabru l-ova u l-embrijuni;

II.3.5. ġew soġġetti għal test għal test ta' aġent ta' identifikazzjoni tal-metrite kuntaġġjuża ekwina bl-iżolament ta' Taylorella equigenitalis wara kultivazzjoni ta' 7 sa 14-il jum imwettqa b'riżultati negattivi f'kull każ mittieħda matul l-aħħar 30 jum qabel id-data tal-ewwel ġbir ta' ova jew embrijuni mill-uċuħ mukuża tal-ħofra klitorali u s-sinus klitorali f'żewġ perjodi ta' estru konsekuttivi fi ..... (3) u fi ..... (3), u fuq kampjun ieħor ta' kultura meħud miċ-ċerviċi endometrijali matul perjodu ta' estru minnhom fi ..... (3);

(1) jew [II.4. l-embrijuni mfissra hawn fuq tnisslu bħala riżultat tal-inseminazzjoni artifiċjali tad-debbiet donatriċi b'semen li nġabret, ġiet ipproċessata, maħżuna u mġarra taħt kundizzjonijiet li jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Kapitoli I(I), II(I) u III(I) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE;]

(1) jew [II.4. l-embrijuni mfissra hawn fuq tnisslu bħala riżultat tal-fertilizzazzjoni in vitro tal-ova b'mod konformi mal-kundizzjonijiet fil-punt 2 tal-Kapitolu III(II) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE b'semen li nġabret, ġiet ipproċessata, maħżuna u mġarra taħt kundizzjonijiet li jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Kapitoli I(I), II(I) u III(I) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE;]

(1) jew [II.4. l-ova ma ġewx f'kuntatt ma' semen tal-ispeċi ekwina;]

II.5. l-ova jew l-embrijuni mfissra hawn fuq intbagħtu lejn il-post tat-tagħbija f'kontenitur issiġillat skont il-punt 6. tal-Kapitolu III(II) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE u bin-numru indikat fil-Kaxxa I.23.

Noti

Parti I:

Kaxxa I.12: il-post tal-oriġini għandu jikkorrespondi mat-tim tal-ġbir tal-embrijuni jew it-tim tal-produzzjoni tal-embrijuni tal-ġbir/produzzjoni tal-ova/embrijuni.

Kaxxa I.13: il-post tad-destinazzjoni għandu jikkorrespondi mat-tim tal-ġbir tal-embrijuni, it-tim tal-produzzjoni tal-embrijuni jew il-kumpanija tad-destinazzjoni tal-ova/embrijuni.

Kaxxa I.23: l-identifikazzjoni tal-kontenitur u n-numru tas-siġill għandhom jiġu indikati.

L-UNJONI EWROPEA **Ova u embrijuni ekwini – Parti A**

II. Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Nru tar-referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Kaxxa I.31: kategorija: speċifika jekk: humiex embrijuni dderivati in vivo, ova dderivati in vivo, embrijuni prodotti in vitro jew embrijuni mikromanipulati.

l-identità tad-donatur għandha tikkorrispondi mal-identifikazzjoni uffiċjali tal-annimal.

id-data tal-ġbir għandha tiġi indikata fil-format li ġej: jj/xx/ssss.

in-numru tal-approvazzjoni għandu jikkorrispondi mat-tim tal-ġbir tal-embrijuni jew it-tim tal-produzzjoni tal-embrijuni tal-ġbir/produzzjoni tal-ova/embrijuni.

Parti II:

([1]) Ingassa kif jixraq.

([2]) Iċ-ċentri ta' ġbir tal-embrijuni jew it-timijiet tal-produzzjoni approvati biss elenkati skont l-Artikolu 11(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE fuq il-websajt tal-Kummissjoni:

http://ec.europa.eu/food/animal/approved_establishments/establishments_vet_field_en.htm

([3]) Niżżel id-data.

([4]) ĠU L 192, 23.7.2010, p. 1.

Veterinarju uffiċjali jew spettur uffiċjali (*)

Isem (b'ittri kbar): Kwalifiki u titolu:

Unità veterinarja lokali: Nru LVU:

Data: Firma:

Timbru:

(*) Il-kulur tat-timbru u l-firma jrid ikun differenti minn dak tad-dettalji l-oħra fuq iċ-ċertifikat.

PARTI B

Iċ-ċertifikat mudell tas-saħħa IIB għall-kummerċ fl-Unjoni fil-kunsinji ta' stokks ta' ova u embrijuni ta' annimali tal-ispeċi ekwina miġbura, ipproċessati u maħżuna qabel l-1 ta' Settembru 2010 skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE u mibgħuta wara l-31 ta' Awwissu 2010 minn tim approvat għall-ġbir tal-oriġini tal-ova jew l-embrijuni

L-UNJONI EWROPEA — **Ċertifikat għall-kummerċ Intra Komunitarju**

Parti I: Dettalji tal-kunsinna ppreżentata

I.1. Kunsinjatur
Isem
Indirizz
Kodiċi Postali

I.2. Nru tar-referenza taċ-ċertifikat | I.2.a. Nru tar-referenza lokali

I.3. Awtorità ċentrali kompetenti

I.4. Awtorità lokali kompetenti

I.5. Destinatarju
Isem
Indirizz
Kodiċi Postali

I.6.

I.7.

I.8. Pajjiż ta' oriġini | Kodiċi ISO

I.9. Reġjun ta' oriġini | Kodiċi

I.10. Pajjiż ta' destinazzjoni | Kodiċi ISO

I.11. Regjun ta' destinazzjoni | Kodiċi

I.12. Pajjiż ta' origini
Tim tal-embrijuni ☐
Isem
Numru ta' approvazzjoni
Indirizz
Kodiċi Postali

I.13. Post ta' destinazzjoni
Kumpanija ☐ Tim tal-embrijuni ☐
Isem
Numru ta' approvazzjoni
Indirizz
Kodiċi Postali

I.14.

I.15.

I.16. Mezz ta' trasport
Ajruplan ☐ Vapur ☐ Vagun tal-ferrovija ☐
Vettura tat-triq ☐ Mezz ieħor ☐
Identifikazzjoni

I.17.

I.18. Deskrizzjoni tal-prodott

I.19. Kodiċi tal-prodott (Kodiċi HS)
05 11 99 85

I.20. Kwantità

I.21. Temperatura tal-prodotti
Ambjentali ☐ Imkessħa ☐ Iffriżati ☐

I.22. Numru ta' pakketti

I.23. Numru tas-Siġill/tal-Kontenitur

I.24. Tip ta' ippakkettar

I.25. Prodotti ċċertifikati:
Riproduzzjoni artifiċjali ☐

I.26. Tranżitu minn pajjiż terz ☐
Pajjiż Terz — Kodiċi ISO
Post tal-ħruġ — Kodiċi
Post tad-dħul — Nru BIP

I.27. Tranżitu minn Pajjiżi Membri ☐
Stat Membru — Kodiċi ISO
Stat Membru — Kodiċi ISO
Stat Membru — Kodiċi ISO

I.28. Esportazzjoni ☐
Pajjiż Terz — Kodiċi ISO
Post tal-ħruġ — Kodiċi

I.29.

I.30.

I.31. Identifikazzjoni tal-prodotti

